| KUNSILL<br>TAL-UNJONI EWROPEA | **Brussel, 23 ta' Novembru 2009 (02.12)**<br>**(OR. en)** |
|---|---|
| | **16457/09** |
| | **COPEN 234** |

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn: | Claire Fielder, Kunsilliera ĠAI, Rappreżentazzjoni Permanenti tar-Renju Unit għall-Unjoni Ewropea |
| lil: | Ivan Bizjak, Direttur Ġenerali H (ĠAI), Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| data meta waslet: | 16 ta' Ottubru 2009. |
| Suġġett : | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji<br>- Ittra ta' notifika |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ittra ta' notifika mir-Renju Unit.

________

.

Ivan Bizjak
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali H (ĠAI)Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
rue de la Loi, 175
B -1048 Brussell

Brussell, 12 ta’ Ottubru 2009

Għażiż Sur Bizjak,

**Dikjarazzjoni tar-Renju Unit lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas (DQ) tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji**

B'referenza għall-Artikoli 2(1) u 16(1) tad-DQ tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji, ir-Renju Unit jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea li sat-12 ta' Ottubru 2009 ser ikun implimenta d-DQ ta' hawn fuq.

**Għażla tal-awtoritajiet kompetenti:**

L-awtoritajiet kompetenti, meta r-Renju Unit ikun l-istat emittenti u ta' eżekuzzjoni, għandhom ikunu l-qrati kriminali kif ġej:

- Qorti tal-Maġistrati (Ingilterra u Wales)
- *Sheriffs court* jew Qorti tal-Ġustizzja tal-Paċi (JP) (Skozja)
- Il-Qorti tal-Kuruna (Crown Court), Qorti tal-Maġistrati jew kwalunkwe qorti tal-appell (Irlanda ta' Fuq)

**Għażla tal-Awtoritajiet Ċentrali:**

Ir-Renju Unit waqqaf awtoritajiet ċentrali responsabbli għat-trasmissjoni u r-riċeviment amministrattiv tad-deċiżjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 4(7). Iċ-ċertifikat li jirrikjedi infurzar skont id-DQ, u d-deċiżjoni (jew kopja ċerifikata) li tirrikjedi l-ħlas ta' penali finanzjarja, għandhom jintbagħatu fl-indirizzi li ġejjin, skont jekk il-persuna sentenzjata tkunx residenti, jew għandhiex proprjetà jew dħul, fil-ġurisdizzjonijiet li ġejjin fir-Renju Unit:

**Ingilterra u Wales:**

Mutual Recognition of Financial Penalties Central Authority
London Central Accounts Office
Her Majesty's Courts Service
65 Romney Street
LONDON
SW1P 3RD

Tel: +44 020 805 1890
E-mail GL-mrfp.cao@hmcourts-service.gsi.gov.uk
Fax: 020 7805 1892

**Skozja:**

The Sheriff Clerk
Sheriff Court House
27 Chambers Street
EDINBURGH
EH1 1LB

Tel: +44 0131-2252525
Fax: 0131-2254422
Email: Edinburgh@scotcourts.gov.uk

**Irlanda ta' Fuq:**

Business Development Group
Northern Ireland Court Service
Laganside House
23 - 27 Oxford Street
BELFAST
BT1 3LA

Tel: 028 90328594
Email: businessdevelopmentgroup@courtsni.gov.uk.

**Implimentazzjoni:**

Fir-rigward tal-Artikolu 20(5) tad-DQ, li jirrikjedi lill-Istati Membri jitrasmettu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom mid-DQ, qiegħda nehmeż kopja tal-Att ta' Ġustizzja Kriminali u Immigrazzjoni 2008 (*Criminal Justice and Immigration Act 2008*), li jagħti effett legali lid-DQ fl-Ingilterra, Wales u l-Irlanda ta' Fuq (taqsimiet 80-92 u Skeda 18 & Skeda 19).

Għall-Iskozja, qiegħda nehmeż kopja tal-abbozz tal-Ordni dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Penali Finanzjarji Kriminali fl-Unjoni Ewropea (Skozja) tal-2009 (*Mutual Recognition of Criminal Financial Penalties in the European Union (Scotland) Order 2009*.) Din hija soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Parlament Skoċċiż. L-Ordni saret taħt is-setgħat konferiti mit-taqsimiet 56 u 82 tal-Att tal-Proċedimenti Kriminali eċċ. (Riforma) (Skozja) tal-2007 (*Criminal Proceedings etc. (Reform) (Scotland) Act 2007).*

**Lingwi:**

Fir-rigward tal-Artikolu 16(1) tad-DQ, ir-Renju Unit ser jaċċetta ċeritifikati bl-Ingliż biss.

**Ħlasijiet ta' kumpens:**

Fir-rigward tal-Artikolu 1(b) (iii) tad-DQ, ir-Renju Unit jirrikjedi li l-ħlasijiet ta' kumpens isiru direttament lil dawk intitolati għall-kumpens fi Sterlina Ingliża.

Qiegħda nikteb fl-istess termini lill-Kummissjoni Ewropea.

Dejjem tiegħek

Claire Fielder

L-Ewwel Segretarju, Ġustizzja u Affarijiet Interni

Rappreżentazzjoni Permanenti tar-Renju Unit għall-Unjoni Ewropea